Il-Ħamis 2 ta' Frar 2023

P9_TA(2023)0022

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Nicolas Bay

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2023 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Nicolas Bay (2022/2054(IMM))

(2023/C 267/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Appell f'Rouen għat-tneħħija tal-immunità ta' Nicolas Bay bid-data tat-18 ta' Novembru 2021 u mibgħuta permezz ta' ittra datata s-16 ta' Mejju 2022 mill-Ministeru Franċiż tal-Ġustizzja, fil-qafas ta' investigazzjoni preliminari, u mħabbra fis-seduta plenarja fit-8 ta' Ġunju 2022,

— wara li sema' lil Nicolas Bay, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża, kif emendat mil-Liġi Kostituzzjonali Nru 95-880 tal-4 ta' Awwissu 1995,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0015/2023),

A. billi l-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Appell f'Rouen (in-Normandija, Franza) talab it-tneħħija tal-immunità ta' Nicolas Bay, Membru tal-Parlament Ewropew għal Franza, bil-ħsieb li titwettaq investigazzjoni preliminari b'rabta ma' akkużi kriminali ta' allegat inċitament għall-mibegħda jew għall-vjolenza għal raġunijiet ta' oriġini, etniċità, nazzjon, razza jew reliġjon, bil-kelma, b'test, b'immaġni jew b'komunikazzjoni pubblika elettronika;

B. billi fil-5 ta' Mejju 2021, Nicolas Bay ippubblika filmat fuq il-kont tat-Twitter tiegħu u fuq Facebook, iffilmjat quddiem is-sit ta' kostruzzjoni tal-moskea ta' Guinchainville (in-Normandija, Franza), li allegatament kien fih dikjarazzjonijiet li jorbtu l-kostruzzjoni tal-moskej mat-tixrid tal-Iżlam politiku fit-territorju Franċiż u t-twettiq ta' atti terroristiċi; billi, fil-filmat, huwa rrefera b'mod partikolari għall-qtil ta' resident ta' Évreux bħala evidenza ta' delinkwenza, kriminalità u terroriżmu; billi l-filmat baqa' fuq il-media soċjali għal tul ta' żmien u kemm fuq Facebook kif ukoll fuq Twitter, qanqal kummenti ta' mibegħda mill-qarrejja, akkumpanjati minn appelli biex jinqerdu s-segwaċi kollha tal-Iżlam;

C. billi l-elezzjonijiet reġjonali għall-Kunsill Reġjonali tan-Normandija saru fl-20 ta' Ġunju 2021; billi fiż-żmien meta ġew irreġistrati l-kummenti fil-filmat, Nicolas Bay kien kandidat f'dawn l-elezzjonijiet reġjonali; billi l-filmat ġie rreġistrat fit-territorju tad-distrett elettorali ta' Nicolas Bay;

D. billi Nicolas Bay ġie mistieden jinstema' mill-awtoritajiet tal-pulizija kompetenti fis-6 ta' Settembru 2021 u billi naqas milli jattendi mingħajr ma pprovda ġustifikazzjoni; billi ntbagħtitlu t-tieni stedina biex jidher fid-29 ta' Settembru 2021 u billi fil-21 ta' Settembru 2021 Nicolas Bay għarraf lill-awtoritajiet tal-pulizija permezz ta' ittra bir-rifjut tiegħu li jidher għas-smigħ tiegħu, u invoka l-immunità parlamentari tiegħu;

([1]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C 163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2023

E. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala "akkużat" ([2]);

F. billi l-allegati reati ma jittrattawx l-opinjonijiet espressa jew il-voti mitfugħa minn Nicolas Bay fil-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew skont il-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u, minflok, jittrattaw attivitajiet ta' natura reġjonali;

G. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbli minn dawn l-attivitajiet;

H. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddisponi li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

I. billi l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni Franċiża jipprevedi li l-ebda membru tal-Parlament ma jista' jiġi mħarrek, investigat, arrestat, detenut jew ipproċessat minħabba l-opinjonijiet espressi jew il-voti mitfugħa fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu jew tagħha u li l-ebda membru tal-Parlament ma jista' jiġi arrestat għal reat jew jiġi soġġett għal kwalunkwe miżura oħra ta' kustodja jew semikustodja mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Parlament;

J. billi f'dan il-każ, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' fumus persecutionis, jiġifieri elementi fattwali li jindikaw li l-intenzjoni wara l-proċediment legali tista' tkun li ssir ħsara lill-attività politika ta' Membru u b'hekk lill-Parlament Ewropew;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Nicolas Bay;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Franċiża u lil Nicolas Bay.

([2]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briois vs il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.